MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 385/2004

**Charlot Gauci**

**vs**

**Edmea Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u hamsin lira Maltija (Lm450.00) rapprezentanti bilanc dovut ghal hlas ta' *hairdressing course* skond kuntratt iffirmat fid-19 ta' Mejju, 2003.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tad-9 ta' Dicembru, 2003 u tas-7 ta' Jannar, 2004, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-hlas eventwali, ilkoll kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fit-2 ta' Marzu, 2004, fejn intqal:**
**i. Illi l-eccipjent teccepixxi li l-pretensjoni tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjenti m'attendietx ghall-kors kollu u m'hemm xejn fil-ftehim ta' bejn il-partijiet li jikkontempla li l-eccipjenti ghandha tibqa' thallas ghall-kors kollu meta hija ma tibqax tattendi.**
**ii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-Ligi.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenuta prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220.00) rifuzjoni, rapprezentanti hlas li kien sar mir-rikonvenzjonanti lir-rikonvenzjonat ghal perjodu tal-kors li hija m'attendietx.**

**Ra r-rsiposta ghall-kontro-talba prezentata fit-18 ta' Marzu, 2004, fejn intqal illi il-kontrotalba tal-konvenuta qed tigi opposta stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet imsemmija fit-talba u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.**
**Ra l-affidavits ta' Charlot Gauci, Donatella Frendo u Edmea Gatt. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jitlob hlas ghall-kors ta' hairdressing li l-konvenuta inkitbet ghalih u temmet hesrem. Il-konvenuta ghamlet kontrotalba ghal-hlas li ghamlet ghall-perjodu li m'attendietx.**
**2. Jirrizulta li huwa minnu li kien hemm ftehim bejn il-konvenuta u l-attur sabiex din tattendi ghall-kors.**
**3. Skond il-kuntratt esebit, Dok.EG1, il-kors kien ta' sena u kien jiswa seba' mija u hamsin lira Maltija (Lm750.00). Jirrizulta li l-konvenuta kienet applikat fid-19 ta' Mejju, 2003, (Fol.6) ghall-imsemmi kors li kien jibda f'Settembru tal-istess sena.**
**4. Ma hemmx dubbju li x-xhieda li ghandu f'idejh it-Tribunal huma skarsi u konfliggenti.**

**5. Hekk wiehed jibda biex jinnota d-diskrepanza li hemm f'dak li attwalment thallas. L-attur jghid li l-konvenuta kienet hallset mija u ghoxrin lira b'kollox, filwaqt li l-konvenuta tghid li hallset tlett mija u tlein lira total. Dawn il-pagamenti saru minn Mejju 2003 sa Settembru, 2003.**

**6. Donatella Falzon, li tahdem mal-attur, tikkonferma li sad-data meta telqet l-konvenuta kienet hallset tlett mitt lira (Lm300.00).**

**7. Jirrizulta li l-konvenuta telqet minn jeddha xahar u nofs biss wara li kien beda l-kors.**

**8. L-argument tal-attur huwa li l-fatt li studenta taqbad u titlaq hekk, jimporta certi danni ghall-istess skola, peress illi ma jkunx gie accettat haddiehor, u jibqa' post vojt. It-Tribunal japprezza dan il-fatt.**

**9. Da parti taghha l-konvenuta meta ntrabtet ghall-kors, ghamlitu minn jeddha minghajr hadd ma gieghelha, u setghet li titlaq, kif fil-fatt ghamlet, ma tistghax ma tirrispondix ghall-eventwali danni li jkun sofra l-attur.**

**10. Ghandu jigi rilevat li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet partikolari, in kwantu fil-kaz tal-konvenuta kien intlahaq arrangament differenti milli jintlahaq f'kazijiet normali. Dana sar sabiex jakkomoda lill-istess konvenuta.**

**11. It-Tribunal qed jaccetta bhala fatt li l-konvenuta hallset l-ammont ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300), u tenut kont ta' dak li jirrizulta mix-xhieda, ikun gust li l-konvenut jigi rimborsat almenu nofs il-valur tal-kors. Il-kors kollu jiswa tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija (Lm375), u konsegwentement il-bilanc dovut mill-konvenuta lill-attur huwa ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00), filwaqt li ma tirrizultax pruvata l-kontrotalba tal-konvenuta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad il-kontrotalba tal-konvenuta u qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00), u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------